VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,394, 17 ta' Marzu, 2015
Taqsima B

A.L. 86 tal-2015

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Regolamenti dwar id-Drittijiet għall-Passaporti u Viżi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.24

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipal għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	"Servizz	Drittijiet €
1.	Għall-ħruġ ta' passaport bejn Jannar sa Marzu u Settembru sa Diċembru għal dawk il-persuni li għalqu s-sittax-il sena u aktar, validu għal għaxar snin	70
2.	Għall-ħruġ ta' passaport bejn April sa Awwissu għal dawk persuni li għalqu s-sittax-il sena u aktar, validu għal għaxar snin	80
3.	Għall-ħruġ ta' passaport lill-minuri li għalqu l-għaxar snin iżda li għadhom ma għalqux is-sittax-il sena, validu għal ħames snin	40
4.	Għall-ħruġ ta' passaport lill-minuri li għadhom ma għalqux l-għaxar snin, validu għal sentejn	16
5.	Għall-ħruġ ta' ċertifikat kollettiv sabiex iservi bħala passaport	95
6.	Għall-ħruġ ta' Passaport ta' Emerġenza jew ta' dokumenti għal vjaġġar minflok passaport li ma hemm ebda disposizzjoni oħra dwaru	9
7.	Passaport Urġenti (jinħareġ f'erba' sigħat)	140
8.	Traduzzjoni għall-Għarbi fuq Passaport Malti	7
9.	Ġuramenti	11

VERŻJONI ELETTRONIKA

10.	Passaporti Urġenti maħruġa f'ħinijiet mhux normali tal-Uffiċċju	185
11.	Ħruġ tat-'tieni' Passaport, validu għal għaxar snin ..	135
12.	Passaport Diplomatiku	40
13.	Dokument tal-ivvjaġġar (Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951)	60
14.	Għall-ħruġ ta' 'Dokument tal-Ivvjaġġar' jew 'Passaport għal Stranġier', validu għal tliet snin	60
15.	Passaport Urġenti (jinħareġ f'erba' sigħat f'ħinijiet normali tal-Uffiċċju) lill-minuri li għalqu l-għaxar snin iżda li għadhom ma għalqux is-sittax-il sena	80
16.	Passaport Urġenti (jinħareġ f'erba' sigħat f'ħinijiet normali tal-Uffiċċju) lill-minuri li għadhom ma għalqux l-għaxar snin	60
17.	Passaport Urġenti maħruġ f'ħinijiet mhux normali tal-uffiċċju lill-minuri li għalqu l-għaxar snin iżda li għadhom ma għalqux is-sittax-il sena	125
18.	Passaport Urġenti maħruġ f'ħinijiet mhux normali tal-uffiċċju lill-minuri li għadhom ma għalqux l-għaxar snin	105".